## Siġġiewi Album . . .

# IS-SIGGIEWI U L-KNISJA TIEGĦU



**Is-Siġġiewi tal-lum kien fl-imgħoddi erba' rħula żgħar, imxerrdin fil-kampanja ta' madwaru. Dawn kienu Ħal Xluq — bejn l-Imqabba u s-Siġġiewi — Ħal Kbir u Ħal Niklusi — bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi — u Ħal Kdieri — bejn il-Buskett u s-Siġġiewi. Minn dawn l-erba' rħula tal-qedem baqa' biss ħwejjeġ żgħar xi jfakkruna fihom.**

L-isem ta' dan ir-raħal x'aktarx li ġej mill-isem ta' familja sinjura Spanjola. li kienet toqgħod f'dawn l-inħawi. Il-kunjom ta' din il-familja kien SAGEYO, u billi kienet familja għanja, kienet magħrufa ħafna, tant li minn isimha ħa ismu r-raħal. Maż-żmien il-kelma tbiddlet u bdiet tinkiteb u tinqara kif inhija llum: SIĠĠIEWI.

Il-Parroċċa tal-lum twaqqfet fl-1436 minn Monsinjur Isqof Senatore De Mello. iżda minn mijiet ta' snin qabel id-devozzjoni lejn San Nikola kienet diġà ħajja u mxerrda sewwa. F'dawn l-istess inħawi kien hemm diġà seba' knejjes iddedikati lilu; barra minn hekk l-istess knisja li ġiet magħmula parroċċa — magħrufa sal-lum bħala l-Knisja l-Qadima — kienet imbniet fuq il-fdal ta' knisja oħra eqdem minnha. Meta kienu għaddew dwar mitejn sena mill-bini tagħha, kellha bżonn spiża kbira biex tissewwa, l-aktar is-saqaf. Min-naħa l-oħra, il-knisja kienet ċkienet għall-poplu li kien laħaq l-1,600. Għalhekk fit-12 ta' Awissu. 1672, il-poplu tas-Siġġiewi flimkien mal-Kappillan Dun Gio. Domenico Farrugia u l-Kleru nġabru fil-Knisja wara l-quddiesa kantata u ddeċidew li jibnu knisja ġdida u akbar f'nofs ir-raħal, kif għandna llum.

F'dik il-laqgħa, 88 minn dawk preżenti offrew is-somma ta' 2,094 skud u ntrabtu li

jħallsuha f'għaxar snin. Il-bqija tal-flus meħtieġa tahom mill-qalb il-poplu kollu tas-Siġġiewi, barra minn żewġ offerti sbieħ li tawhom il-Granmastru Cottoner (200 skud) u l-Granmastru Caraffa (440 skud).

Il-pjanta kienet f'idejn l-Arkitett magħruf Lorenzo Gafa'. Fl-1 ta' Novembru, 1675, infetħet barriera (fejn hu l-misraħ illum) biex minnha jinqata' l-ġebel meħtieġ. Fid-19 ta' April, 1676, tqiegħdet l-ewwel ġebla mill-Kappillan, bl-awtorità ta' l-Isqof d'Astiria. Fi żmien 6 snin, tlestiet il-korsija, li tbierket solennement mill-Ill.mu Mons. Ludovico Famucelli. Wara, inbnew il-kappelluni, il-kor u ż-żewġ sagristiji, u sas-sena 1694 tlesta il-bini tal-kampnari — wieħed minnhom bil-flus li għoġobha toffri Suor Clara Dingli mis-Siġġiewi.

L-iskultura bdiet tinħadem fl-1707, u magħha l-artali, kwadri u ħwjjeġ oħra. Il-kwadru titulari sar mill-imsemmi Kavalier Mattia Preti, magħruf "il-Kalabriż". Fl-1717 saru s sedji tal-kor u sena wara nħadem il-fonti tal-Magħmudija tar-rħam u l-orgni li qam 430 skud.

Il-Knisja, lesta mill-ħtiġijiet kollha tal-kult liturġiku, ġiet ikkonsagrata b'ċerimonji u festi solenni mill-Isqof Mons. Fr. Alpheron de Bussan fl-1 ta' Mejju, 1729.

Il-kampnari ġew imgħammrin b'sett ta' qniepen ikkonsagrati mill-Isqof Alpheran f'Novembru, 1734. Dawk li hemm illum saru fl-1948 u ġew ikkonsagrati minn Mons. M. Gonzi.

Fis-sena 1732 saret l-istatwa l-kbira ta' San Nikola f'nofs il-misraħ, u erba' snin wara, l-istess skultur, Pietru Felici, ġie mqabbad jagħmel statwa oħra ta' l-injam li kellha tinżamm fil-knisja u toħroġ fil-purċissjoni; din l-istatwa ħadet il-post ta' l-istatwa l-qadima maħduma fis-sena 1675 minn Natalizio Mallia, u li llum tinsab f'waħda mis-sagristiji tal-knisja.

Il-Professur Nikola Zammit, wild is-Siġġiewi, kien l-arkitett tan-navati u l-portiku li nbnew bejn l-1862 u l-1864.

Fl-1919, inħattet il-koppla l-qadima u nbniet dik tal-lum, fuq id-disinn tal-Professur Enrico Vassallo.

Opri oħra li saru f'dawn l-aħħar snin huma: L-Orgni li nxtara fl-1922; il-pittura tal-koppla u s-saqaf kollu saret minn L. Pisani u Palmieri sa l-1936; tabernaklu tal-fidda fl-1962; u apparat ta' ħwejjeġ tal-lama b'rakkmu tad-deheb fl-1964.

Fl-1936 inbena Ċimiterju kbir u sabiħ li l-kappella tiegħu ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.

L-isbaħ deskrizzjoni tal-knisja tagħna jagħtihielna l-Isqof Alpheran stess meta ġie mqabbad mis-S. Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet biex jagħti relazzjoni fuq il-parroċċa ta' San Nikola ta' Bari wara li l-Kleru kien talab il-permess li jgħid l-Uffizzju u l-Quddiesa proprja ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru u fl-Ottava kollha. Dan l-Isqof kien kiteb Ruma fid-9 ta' Frar, 1740, u wara li ddeskriva l-knisja parrokkjali li huwa jsejħilha l-Bażilika ta' San Nikola ta' Bari, wera kemm il-poplu huwa fost l-aħjar tad-Djoċesi u li huwa marbut b'Imħabba li tgħaġġbek mal-kleru tiegħu, taħt il-ħarsien tat-Tawmaturgu San Nikola.

Kien għalhekk jistħoqqilha l-Parroċċa li fis-17 ta' Frar, 1960, Mons. Arċisqof M. Gonzi għolliha għad-dinjità Arċipretali.

**"IS-SIĠĠIEWI" jitqassam b'xejn lil kull familja Siġġiwija. Fil-waqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha li jgħinuna finanzjarjament biex dan jista' jseħħ, inħeġġukom biex tkomplu tagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħkom ħalli b'hekk jindfew il-ħlasijiet ta' l-istampa.**